KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.7.2006
KUMM(2006) 409 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Kontribuzzjoni għall-Pożizzjoni ta' l-UE fid-Djalogu ta' Livell Għoli fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Kontribuzzjoni għall-Pożizzjoni ta' l-UE fid-Djalogu ta' Livell Għoli fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp

1. INTRODUZZJONI

F'dawn l-aħħar snin qed tingħata attenzjoni dejjem ikbar lill-migrazzjoni internazzjonali, l-immaniġġar tagħha u l-impatt tagħha fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali kemm fil-pajjiżi ta' l-oriġini tal-migranti kif ukoll fil-pajjiżi fejn jgħixu – mhux l-inqas fuq l-isfond tat-tibdil demografiku, soċjetajiet li qed jixjieħu u nuqqasijiet ta' ħiliet fid-dinja industrijalizzata, minn banda, u tkabbir kbir fil-popolazzjoni flimkien ma' potenzjal ħafna drabi insuffiċjenti ta' ħolqien ta' xogħol, prospetti ta' karriera baxxi u qgħad persistentement għoli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Barra minn hekk, il-konsegwenzi tal-migrazzjoni fuq il-migranti nfushom u fuq id-drittijiet u l-benesseri tagħhom ukoll qed joħolqu tħassib konsiderevoli għall-komunità internazzjonali. Dan tfaċċa fil-livell tan-NU: il-migrazzjoni internazzjonali u r-rabtiet tagħha ma' l-iżvilupp kien wieħed mis-suġġetti ewlenin indirizzati matul il-Konferenza tal-Kajr ta' l-1994 dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, u wara l-Konferenza din il-kwistjoni ġiet ittrattata f'diversi okkażjonijiet fil-qafas tan-NU, partikularment fil-Kunsill Ekonomiku u Soċjali.

Il-migrazzjoni internazzjonali hija waħda mill-ħafna espressjonijiet tat-tendenza li l-globalizzazzjoni tiżdied. F'din il-perspettiva, l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li toħloq progressivament politika komuni dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, billi sfidi komuni jitolbu tweġibiet komuni. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam fl-1 ta' Mejju 1999, il-politika dwar l-immigrazzjoni bdiet taqa' taħt ir-regoli tal-KE dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet. Fuq dik il-bażi, il-Programm ta' Tamper, addottat mill-Kunsill ta' l-Ewropa fl-1999[1], immarka l-bidu tal-ħolqien ta' politika komuni ta' l-UE dwar l-immigrazzjoni u l-ażil. Ħames snin wara – f'Novembru 2004 – il-Programm ta' l-Aja[2] wiżen il-kisbiet u d-difetti li kien hemm s'issa filwaqt li ħoloq programm ta' xogħol ambizzjuż għall-ħames snin li ġejjin. L-implementazzjoni tal-Programm ta' l-Aja issa miexja ġmielha.

Il-Komunità Ewropea hija aġent importanti fid-dibattitu globali dwar il-migrazzjoni internazzjonali, mhux l-inqas għaliex il-politika ta' l-UE dwar l-immigrazzjoni tinkludi dimensjoni esterna sinifikanti. F'dak il-qafas, il-Kummissjoni Ewropea, li tirrappreżenta l-Komunità, bdiet djalogu komprensiv dwar kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni ma' għadd kbir ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali, li jkopri kwistjonijiet li jinkludu r-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u t-tisħiħ tal-ħarsien għal dawk li jfittxu ażil u r-refuġjati. Aktar djalogi bħal dawn se jitnedew fil-ġejjien qrib. Barra minn hekk, il-Komunità qed tipprovdi assistenza finanzjarja lil għadd ta' pajjiżi mhux memri ta' l-UE biex tgħinhom iżidu l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġaw il-migrazzjoni internazzjonali, partikularment fil-qafas tal-programm ta' fondi

[1] Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza, il-Kunsill Ewropew, Tampere, il-15 u s-16 ta' Ottubru 1999.

[2] Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza, il-Kunsill Ewropew, Brussell, l-4 u l-5 ta' Novembru 2004.

ta' l-AENEAS[3], u l-ħidma tiegħu – bi sħab mal-pajjiżi kkonċernati – sabiex it-tħassib dwar il-migrazzjoni jiġi integrat fil-programmi tagħha ta' żvilupp ġejografiku u kooperazzjoni, inkluż billi jiġu indirizzati il-kawżi li jiġġeneraw il-migrazzjoni, partikularment permezz ta' programm estern għall-iżvilupp tal-bnedmin u l-iżvilupp soċjali[4]. L-implimentazzjoni ta' dawn b'suċċess u inizjattivi simili issir b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, għax ir-riżultati tanġibbli jistgħu jinkisbu biss bil-ħidma flimkien u billi jinġabru flimkien ir-riżorsi.

L-UE hija impenjata tiżgura li d-drittijiet fundamentali tal-migranti u tar-refuġjati jiġu rrispettati u li l-migranti f'soċjetajiet li jilqgħuhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn proċess reċiproku ta' addattazzjoni u integrazzjoni. Hija tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjonijiet tan-NU fil-qasam tal-ġlieda kontra kull għajn ta' intolleranza, tal-promozzjoni tad-diversità ta' l-espressjonijiet kulturali fis-soċjetajiet, u b'mod iktar ġenerali kull inizjattiva tan-NU maħsuba biex tmantni kultura ta' drittijiet tal-bniedem imsejsa fuq edukazzjoni ta' rispett reċiproku u ftehim bejn iċ-ċiviltajiet.

Il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, tilqa' b'idejha miftuħin id-deċiżjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li torganizza Djalogu ta' Livell Għoli fuq il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp fl-14-15 ta' Settembru 2006, fil-qafas tal-wieħed u sittin sessjoni tagħha. Fid-dawl ta' l-importanza dejjem tikber tal-migrazzjoni internazzjonali, din tqis din l-inizjattiva bħala veru f'waqtha. Permezz ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni tixtieq taqsam din l-esperjenza dwar dawn it-temi u tagħmel xi suġġerimenti fil-kuntest tad-Djalogu ta' Livell Għoli (iktar il-quddiem DLGħ)[5].

2. KWISTJONIJIET IMPORTANTI LI GĦANDHOM JIĠU TTRATTATI

Fuq il-bażi tad-dokumenti mħejjija mis-Segretarjat Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti[6] u ta' diskussjonijiet preparatorji li kien hemm s'issa, l-UE tixtieq tindirizza għadd ta' kwistjonijiet. Bosta minn dawn il-kwistjonijiet ġew trattati wkoll fir-rapport tal-Kummissjoni Globali dwar il-Migrazzjoni Internazzjonali (GCIM)[7]. Dan ir-rapport fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet li huma kontribuzzjoni pożittiva għad-diskussjonijiet fil-qafas tad-DLGħ, ngħidu aħna dwar il-migrazzjoni ta' ħaddiema, ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, l-integrazzjoni u l-kwistjoni ta' kif għandna nirrispondu għall-isfidi tal-migrazzjoni illegali. Kwistjonijiet dwar l-ażil li m'għandhomx prominenza fl-aġenda tad-DLGħ, mhumiex indirizzati hawnhekk. Madanakollu, l-UE tqis li dawn il-kwistjonijiet huma importanti ħafna u qed tiżviluppa politika komprensiva biex twieġeb għall-isfidi li joħolqu.

---

3 Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi programm ta' assistenza finanzjarja u teknika lil-pajjiż terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil (AENEAS)

4 Investiment fil-persuni: Kommunikazzjoni dwar il-programm tematiku għal żvilupp tal-persuni u soċjali u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 - KUMM(2006)18 finali tal-25 ta' Jannar 2006

5 Din il-Komunikazzjoni ġeneralment ma tindirizzax il-politiki ta' l-UE biex tindirizza l-migrazzjoni intraUE, li l-KE ma tqisx bħala migrazzjoni internazzjonali.

6 Partikularment 'Il-Migrazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp', rapport tas-Segretarju Ġenerali, Dokument A/60/871, l-Assemblea Ġenerali, l-Istati Uniti, 18 ta' Mejju 2006.

7 "Il-migrazzjoni f'dinja interkonnessa: direzzjonijiet ġodda għall-azzjoni", rapport tal-Kummissjoni Globali dwar il-migrazzjoni internazzjonali, Ottubru 2005.

2.1. Partenarjati għal responsabbiltà komuni

L-UE temmen li l-immaniġġjar tal-migrazzjoni huwa responsabbiltà komuni tal-pajjiżi ta' l-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni. Dan huwa ta' importanza ikbar billi d-distinzjoni bejn dawn it-tliet kategoriji ta' pajjiżi qed issir dejjem inqas ċara. Ir-responsabbiltà komuni titlob kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati sabiex il-migrazzjoni tiġi mmaniġġjata aħjar, filwaqt li jitqiesu l-interessi u t-tħassib tal-pajjiżi kollha involuti. Il-Kummissjoni temmen li dawn il-mekkaniżmi joffru qafas flessibbli u li ma jorbotx, biex jiġu identifikati soluzzjonijiet għal sfidi komuni, mill-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin sat-titjib ta' l-inkanalar tal-ħlas ta' flus mill-migranti, u s-sosteniment tal-ksib ta' nies inħarrġa u ċ-ċirkulazzjoni ta' nies imħarrġa.

Fil-qafas tal-ftehimiet usa' tagħha għall-kooperazzjoni, l-UE żviluppat djalogu dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-migrazzjoni, ma' diversi pajjiżi u reġjuni fid-dinja. Il-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tkopri pajjiżi fl-Ewropa tal-Lvant u n-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran, huwa proprju wieħed minn dawn il-każijiet, u għaddejjin proċessi oħra ta' djalogu ma' sħab fl-Afrika, l-Asja, l-Amerka Latina u l-Karibew[8]. Dan id-djalogu jkopri tipikament għadd kbir ta' kwistjonijiet, inklużi ngħidu aħna r-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, l-integrazzjoni u t-trattament tal-migranti fil-pajjiżi tad-destinazzjoni tagħhom, il-migrazzjoni ekonomika, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, il-qagħda ta' min qed ifittex ażil u r-refuġjati, l-impatt tal-qagħdiet tar-refuġjati fuq l-iżvilupp, u b'mod iktar ġenerali, sforzi konġunti sabiex il-migrazzjoni ekonomika tiġi mmaniġġata aħjar. Dan jista' jwassal ukoll għall-għoti ta' assistenza mill-UE permezz ta' programmi tematiċi u speċifiċi għall-pajjiżi, biex jgħinu lill-pajjiżi msieħba jibnu l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw aħjar il-flussi tal-migrazzjoni u biex jiġu massimizzati r-rabtiet pożittivi bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp.

Dan id-djalogu politiku huwa msejjes fuq bini tal-kapaċità. Il-pajjiżi terzi jridu jiddefinixxu l-għanijiet komuni u l-arranġamenti ta' ħidma bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali differenti u l-partijiet interessati kollha, inkluża s-soċjetà ċivili, biex jirrispondu għall-isfidi tal-migrazzjoni. Dawn jistgħu jiġu assistiti f'dan il-proċess li jista' jirriżulta fi strateġiji nazzjonali tal-migrazzjoni u pjanijiet ta' azzjoni bi struttura ta' żmien ċara u ppjanar tal-baġit fir-rigward.

Il-ħidma ma' Stati Afrikani u organizzazzjonijiet reġjonali hija prijorità kurrenti tal-Komunità. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' Diċembru 2005 jagħtu lista ta' azzjonijiet ta' prijorità li għandhom jiġu implimentati matul l-2006, sabiex jiżdiedu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar għadd kbir ta' kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni bejn l-UE u l-Afrika.[9] Waħda mill-inizjattivi speċifiċi f'dan il-kuntest hija li l-pajjiżi ta' oriġini, it-tranżitu u d-destinazzjoni jinġabru, speċjalment dawk matul 'rotta ta' migrazzjoni partikulari', biex jindirizzaw l-isfidi tal-migrazzjoni.

2.2. L-immaniġġar tal-migrazzjoni ekonomika fl-interess reċiproku tal-pajjiżi ta' l-oriġini u tad-destinazzjoni

L-immaniġġar tal-migrazzjoni ekonomika huwa marbut mill-qrib mad-dibattitu dwar l-utilizzar tas-sinerġiji bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp. Filwaqt li l-migrazzjoni ekonomika, jekk tiġi mmaniġġjata tajjeb, tkun ta' ġid għall-migranti individwali u l-pajjiżi tad-

8 Għaddej ukoll djalogu parallel mal-grupp ACP (Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku) bħala tali.

9 'Pożizzjoni Globali dwar il-migrazzjoni: Azzjoni prioritarja li tiffoka fuq l-Afrika u l-Mediterran', Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza, il-Kunsill Ewropew, Brussell, il-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

destinazzjoni, din tista' tkun ukoll kontribuzzjoni pożittiva fl-iżvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġini – fuq perjodu qasir, permezz tat-trasferiment ta' flus mibgħuta; fuq perjodu medju jew twil, permezz tal-valorizzazzjoni tal-ħiliet, l-esperjenza u l-kapital soċjali miksub mill-migranti fil-pajjiżi li jilqgħuhom. Dan jista' jinkiseb permezz ta' diversi mezzi inkluż il-migrazzjoni volontarja lura. Madanakollu, ir-ritorn definittiv mhuwiex dejjem għażla attraenti għall-migranti, u għalhekk l-interess kurrenti fil-kunċett ta' migrazzjoni ċirkulari sabiex tiġi promossa ċ-ċirkulazzjoni ta' nies imħarrġa. Din il-migrazzjoni tista' tieħu bosta forom, minn migrazzjoni temporanja jew staġunali sa skemi ta' migrazzjoni temporanji jew virtwali bħalma huma dawk immaniġġati minn organizzazzjonijiet li jinkludu l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Migrazzjoni (IOM) u l-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), u li l-Komunità u xi wħud mill-Istati Membri tagħha qed jikkontribwixxu fiha attivament.

Il-Kummissjoni stabbiliet orjentazzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni volontarja lura u biex tiġi inkuraġġita l-migrazzjoni ċirkulari, fil-Komunikazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp[10] u fil-Pjan tal-politika tagħha dwar il-migrazzjoni legali[11]. Dan id-dokument ta' l-aħħar, li jistipula l-pjan ta' xogħol tal-Kummissjoni għas-snin li ġejjin f'oqsma marbuta ma' l-ammissjoni ta' migranti legali, jinkludi wkoll orjentazzjonijiet oħra li jistgħu jkunu ta' interess għall-pajjiżi ta' l-oriġini, bħalma huwa tagħrif iktar aċċessibbli dwar il-possibbiltajiet u l-kundizzjonijiet għall-impjieg legali fl-UE u l-possibbiltà li titqiegħed assistenza għad-disponibbiltà ta' istituzzjonijiet li jistgħu jipprovdu taħriġ għal migranti prospettivi, fil-pajjiżi ta' l-oriġini, sabiex ikunu jistgħu jikkumplimentaw il-ħtiġiet tax-xogħol fl-Istati Membri ta' l-UE. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' proċeduri ċari u spjegati għal ħaddiema migranti għandha tikkontribwixxu għal flussi tal-migrazzjoni mmaniġġati aħjar fl-interess tal-partijiet ikkonċernati.

F'xi każijiet, madanakollu, il-migrazzjoni ekonomika lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw tista' toħloq il-problemi għall-pajjiżi ta' l-oriġini, billi toħloq ostakli għar-riżorsi umani f'setturi jew xogħlijiet speċifiċi. Il-Kummissjoni bdiet tidentifika soluzzjonijiet possibbli, f'mekkaniżmi partikulari biex tiddixxiplina r-reklutaġġ u tippromwovi prattiċi ta' reklutaġġ etiċi, mekkaniżmi ta' monitoraġġ u appoġġ għas-sħubiji bejn istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE u dawk tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Din għamlet proposti iktar speċifiċi dwar is-settur tal-kura tas-saħħa f'Komunikazzjoni separata[12]. Barra minn hekk, it-trattatament ta' l-esodu ta' nies imħarrġa u l-mitigar ta' l-impatt tat-telf ta' ħiliet se tkun waħda mit-temi ewlenin fid-djalogu dwar kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni li l-Komunità se tniedi ma' l-Unjoni Afrikana u ma' għadd ta' pajjiżi individwali fl-Afrika, fuq il-bażi ta' l-artiklu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou.

Barra minn hekk, il-migrazzjoni ekonomika hija wkoll realtà min-Nofsinhar għan-Nofsinhar, billi dan jiġri ta' sikwiet bejn pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikularment fil-qafas ta' inizjattivi reġjonali ta' integrazzjoni, li l-UE tappoġġa attivament. Filwaqt li din il-migrazzjoni tista' ġġib magħha benefiċċji sinifikanti, din tista' wkoll tqajjem kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawn il-kwistjonijiet jitolbu appoġġ adegwat.

---

10 'Il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp: xi orjentazzjonijiet konkreti', KUMM(2005)390 finali ta' l-1 ta' Settembru 2005.

11 'Pjan ta' Politika dwar il-Migrazzjoni Legali', KUMM(2005)669 finali tal-21 ta' Diċembru 2005.

12 'Strateġija ta' l-UE għal Azzjoni dwar il-Kriżi fir-Riżorsi Umani għas-Saħħa fil-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw', KUMM (2005) 642 finali tat-12 ta' Diċembru 2005.

L-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu direttament jinkludu sforzu konġunti biex tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, biex jitqiesu b'mod sħiħ u jiġu mitigati l-impatti fuq l-impjiegi u l-impatti soċjali tal-politiki dwar il-kummerċ u l-liberalizzazzjoni tas-suq, u għall-promozzjoni ta' xogħol diċenti bħala għan globali.[13]

2.3. L-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

Politiki ta' integrazzjoni effettivi huma fundamentali biex jiġi żgurat li l-migrazzjoni taħdem għall-benefiċċju kemm tal-pajjiżi li jilqgħu lil dawn il-persuni kif ukoll tal-migranti nfushom. Hekk kif dejjem iktar pajjiżi fid-dinja qed jirċievu ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni temmen li hemm każ ta' promozzjoni ta' skambji ta' esperjenzi dwar politiki li jaħdmu għall-integrazzjoni.

Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha żviluppaw pożizzjonijiet ta' politika komprensiva dwar l-integrazzjoni of l-migranti. Ġie identifikat grupp ta' prinċipji komuni mill-Kunsill[14], li ssokkta jiġi żviluppat mill-Kummissjoni[15]. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll Ktejjeb ta' Tagħrif għall-Mexxejja u Persuni Responsabbli[16]; edizzjoni ġdida ta' dan il-pubblikazzjoni għandha toħroġ lejn l-aħħar ta' l-2006.

Barra minn hekk, bosta biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità li daħlu fis-seħħ dan l-aħħar jikkontribwixxu għal integrazzjoni aħjar tal-migranti, inklużi d-Direttivi dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti fil-pajjiż li laqagħhom fuq tul ta' żmien[17] u dwar ir-riunifikazzjoni tal-familji[18]. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar id-diskriminazzjoni[19] hija ta' rilevanza diretta. Ir-regoli dwar id-diskriminazzjoni razzjali u etnika, partikularment, ikopru firxa wiesgħa ta' oqsma fejn jista' jkun hemm trattament inġust kontra l-migranti, inklużi l-aċċess għax-xogħlijiet, il-kundizzjonijet tax-xogħol, ir-rati tal-ħlas u d-drittijiet u l-benefiċċji marbuta max-xogħol, l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-oġġetti u s-servizzi, il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa.

Il-politiki dwar l-integrazzjoni, u partikularment id-drittijiet u t-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ġa huma suġġett ta' diskussjonijiet regolari bejn il-Komunità u diversi pajjiżi terzi fil-kuntest ta' djalogu usa' dwar kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni. Madanakollu, il-Komunità lesta taqsam l-esperjenza u l-prattiċi tagħha f'dan il-qasam ma' pajjiżi oħra interessati u f'fora internazzjonali.

---

13 "Id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni – il-kontribuzzjoni tal-politika ta' l-UE dwar l-estensjoni tal-benefiċċji għal kulħadd" – il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni addottata fit-18 ta' Mejju 2004 KUMM(2004) 383; il-Komunikazzjoni "Il-promozzjoni ta' xogħol diċenti għal kulħadd: Il-kontribuzzjoni ta' l-UE għall-implimentazzjoni ta' l-aġenda ta' xogħol diċenti, fid-dinja" (KUMM(2006)249) u l-Anness tagħha (SEK(2006)643), it-tnejn ta' l-24 ta' Mejju 2006.

14 Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Integrazzjoni addottati mil-Kunsill tal-ĠAI tad-19 ta' Novembru 2004

15 'Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni: Qafas għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea', KUMM(2005)389 finali ta' l-1 ta' Settembru 2005.

16 Il-Kummissjoni Ewropea, Novembru 2004. http://europa.eu.int/comm/justice_home/doc_centre/immigration/integration/doc_immigration_integration_en.htm

17 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 Novembru 2003.

18 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003.

19 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament indaqs bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika, u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament indaqs fl-impjiegi u x-xogħol.

2.4. Il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali

Id-distinzjoni bejn il-migrazzjoni legali u illegali hija element fundamentali tal-politika tal Komunità dwar l-immigrazzjoni. Il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali fid-dimensjonijiet kollha tagħha hija element neċessarju ta' programm għall-immaniġġar tal-migrazzjoni.

Mill-2001, ġiet żviluppata pożizzjoni komprensiva li tikkomprendi l-istadji kollha tal-katina tal-migrazzjoni, inkluża l-l-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' l-oriġini u t-tranżitu, il-kontroll tal-fruntieri, il-miżuri meħuda wara d-dħul illegali, u l-politika dwar id-dħul mill-ġdid u r-ritorn. Din il-pożizzjoni hija stipulata f'bosta Komunikazzjonijiet u Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-immigrazzjoni illegali, l-immaniġġar integrat tal-borduri u l-politika dwar ir-ritorn.

Politika effettiva biex titnaqqas l-immigrazzjoni illegali teħtieġ strateġija mħallta, li jkollha miżuri mmirati kemm lejn armonizzazzjoni ikbar tal-Leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri kif ukoll lejn tkabbir tal-valur tal-kooperazzjoni operazzjonali, kif ukoll politiki u inċentivi xierqa għlall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tax-xogħlijiet fil-pajjiżi ta' l-oriġini. Fl-istess ħin, l-elementi esterni jiġu indirizzati permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' l-oriġini u t-tranżitu. Il-miżuri proposti mill-Kummissjoni f'dan il-qasam huma suġġetti għal skrutinju fil-fond biex jiġi żgurat li huma għal kollox kompatibbli mad-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tad-dritt Ewropew kif ukoll tad-dritt internazzjonali, inklużi l-ħarsien tar-refuġjati u l-obbligi marbuta mad-drittijiet tal-bniedem li joħorġu mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Issir enfasi partikulari fuq id-dispożizzjoniet li jittrattaw is-salvagwardji proċedurali, l-għaqda tal-familja, u s-salvagwardji fir-rigward tad-detenzjoni u l-miżuri ta' koerzjoni. Il-Kummissjoni daqt tippreżenta Komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni illegali li se tiġbor il-politika ta' l-UE f'dan il-qasam fil-qosor.

Sabiex jiġi indirizzat effettivament it-traffikar tal-bnedmin, trid tittieħed pożizzjoni integrata, li tqis in-natura globali tiegħu[20] u bbażata fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-persuni kkonċernati u l-ħtiġijiet u d-drittijiet tagħhom huma fil-qalba tal-politika ta' l-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin. Fl-istess waqt, il-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin hija element essenzjal ta' l-isforzi tal-Komunità biex ittejjeb il-kontrolli u s-sorveljanza fil-fruntieri esterni u biex ittejjeb il-kwalità tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. Barra minn hekk, skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità, l-Istati Membri huma inkoraġġiti – sabiex jittejjeb l-istatus tal-persuni traffikati – li jagħtu lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li huma vittmi tat-traffikar u li bi ħsiebhom jixhdu kontra t-traffikanti, permess ta' residenza speċjali u drittijiet speċifiċi addizzjonali għal kemm idumu għaddejjin il-proċeduri kriminali[21]. Finalment, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar fil-proposta tagħha ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokolli tan-NU dwar it-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu tal-migranti malajr kemm jista' jkun.

L-UE hija ħerqana tintensifika l-iskambji ta' l-esperjenzi ma' pajjiżi oħra interessati dwar l-aqwa prattiċi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u fit-trattament tal-vittmi tiegħu.

---

[20] 'Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin – pożizzjoni integrata u proposti ta' pjan ta' azzjoni', KUMM(2005)514 finali tat-18 ta' Ottubru 2005.

[21] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE of 29 April 2004.

2.5. It-tħaddim tal-migrazzjoni fis-servizz ta' l-iżvilupp

Il-potenzjal li l-migranti jagħmlu kontribuzzjoni pożittiva fl-iżvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom qiegħed jingħata dejjem iktar għarfien. Il-Kummissjoni temmen li dawn il-kwistjonijiet, li dan l-aħħar kienu s-suġġett ta' diskussjonijiet f'diversi fora internazzjonali, għandhom ikunu fil-qalba tad-dibattiti fid-DLGħ.

Kwistjonijiet bħalma huma l-ħlas ta' flus mill-migranti u l-kontribuzzjoni li dawn jistgħu jagħmlu lejn l-iżvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġini, ir-rwol li jista' jkollhom id-Djaspori u l-membri tagħhom fil-kontribuzzjoni għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u tal-bnedmin f'dawn il-pajjiżi, jew il-promozzjoni tal-migrazzjoni ċirkulari, huma fost dawk l-oqsma fejn il-benefiċċji tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ta' l-oriġini u d-destinazzjoni jistgħu jkunu l-ikbar. Ngħidu aħna, l-imminimizzar ta' l-ispejjeż għall-bgħit ta' flus jista' jinkiseb l-iktar jekk il-pajjiżi ta' l-oriġini u d-destinazzjoni jaħdmu id f'id. Bl-istess mod, l-immobilizzar tad-Djaspori jkun effettiv l-iktar jekk l-isforzi jsiru miż-żewġ naħat.

Il-Kummissjoni ġabret fil-qosor l-orjentazzjonijiet li bi ħsiebha ssegwi f'dan il-qasam f'Komunikazzjoni addottata fl-1 ta' Settembru 2005[22]. Filwaqt li wħud mill-orjentazzjonijiet li jinsabu f'dan id-dokument jistgħu jiġu introdotti mill-UE unilateralment (ngħidu aħna miżuri biex jiżdiedu l-kompetizzjoni u t-trasparenza fis-suq tas-servizzi tal-bgħit, jew miżuri fil-qasam tad-drittijiet ta' residenza), bosta minnhom jistgħu jiġu implementati biss fil-kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' l-oriġini interessati. B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li taħdem ma' pajjiżi sħab fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tgħinhom jikkapitalizzaw fuq il-benefiċċji li l-migranti jistgħu joħolqu għall-pajjiżi ta' l-oriġini. Din lesta tintegra dan l-oġġettiv fil-programmi tagħha ta' żvilupp u kooperazzjoni ma dawn il-pajjiżi, fejn jixraq u jkun miftiehem. Ġa ngħataw fondi permezz tal-programm AENEAS, ngħidu aħna bl-appoġġ ta' inizjattivi ta' komunitajiet Diaspora biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-komunitajiet domestiċi tagħhom u biex jiffaċilitaw il-mezz ta' bgħit ta' flus għal investimenti produttivi u inizjattivi ta' żvilupp.

Biex vera jittieħed vantaġġ min dawn ir-rabtiet u sinerġiji, importanti jiġi żgurat li l-miżuri fuq żmien qasir jimxu id f'id ma' pożizzjoni fuq żmien twil, billi l-politika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp jiġu integrati kif jixraq. F'dan il-kuntest, il-migrazzjoni qed dejjem iktar tiġi inkorporata fir-Rapporti tal-Pajjiżi u Reġjonali, li jikkostitwixxu l-qafas li taħtu hija programmata l-assistenza mill-Komunità. Dan ikkontribwixxa għal fehim aħjar dwar id-dimensjoni tal-migrazzjoni u l-iżvilupp, u ppermetta li diversi pajjiżi li qed jiżviluppaw jenfasizzaw kwistjonijiet bħalma huma addressing brain drain ta' l-immobilizzar tad-Djaspori tagħhom bħala prijoritajiet għal assistenza mill-Komunità fil-ġejjien.

Barra minn hekk, id-disponibbiltà ta' xogħlijiet diċenti, opportunitajiet ta' dħul u kundizzjonijiet ta' xogħol fil-pajjiżi li jibgħatu dawn in-nies, kif ukoll l-assenza ta' kunflitt jew ta' pressjonijiet insostenibbli fuq l-ambjent li jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li meta individwu jemigra, dan jagħmlu minn jeddu. Il-politika ta' l-UE dwar l-iżvilupp[23] tindirizza dawn l-elementi u elementi oħra pressanti tal-migrazzjoni, permezz tal-kontribuzzjonijiet tagħha – bi sħubija ma pajjiżi li qed jiżviluppaw – għall-eradikazzjoni tal-faqar, il-prevenzjoni tal-kunflitt, l-iżvilupp ekonomiku, il-promozzjoni tal-kummerċ, il-promozzjoni tad-drittijiet

[22] 'Il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp: xi orjentazzjonijiet konkreti' (KUMM (2005) 390 finali). L-annessi ta' din il-Komunikazzjoni tinkludi għadd ta' eżempji ta' prattiċi tajba żviluppati fl-Istati Membri ta' l-UE u f'pajjiżi oħra.

[23] Il-kunsens Ewropew dwar l-iżvilupp, Novembru 2005.

tal-bniedem u l-governanza tajba, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-assistenza ta' l-UE biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. L-UE tipprovdi iktar minn nofs l-għajnuna dinjija u kkommettiet ruħha li tkompli żżid din l-assistenza, flimkien mal-kwalità u l-effettività tagħha.

Il-Kummissjoni temmen li l-kawżi li jiġġeneraw il-migrazzjoni, kif ukoll il-mod li bih donaturi oħra għall-iżvilupp jistgħu jżidu l-kontribuzzjoni tagħhom biex jindirizzawhom, għandhom jiġu diskussi fil-qafas tan-NU flimkien mar-rabtiet u s-sinerġiji pożittivi li jeżistu bejn il-migrazzjoni u l-politiki ta' l-iżvilupp. Fis-sewwa, il-Kummissjoni temmen li r-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp joffru potenzjal sinifikanti għat-twettieq ta' l-għanijiet ta' l-iżvilupp, ovvjament bla ma jikkostitwixxu sostitut ta' alternattiva għal Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp.

3. WARA D-DJALOGU TA' LIVELL GĦOLI: IL-FUTUR

Il-Kummissjoni tinnota l-proposta tas-Segretarju Ġenerali li jiġi stabbilit Forum Permanenti biex l-esperjenzi wara d-DLGħ jinqasmu[24]. Il-Kummissjoni temmen li dan il-Forum għandu jieħu l-forma ta' proċess informali, volontarju u li ma jorbotx, taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti imma mmexxi mill-Istati u parteċipanti oħra rilevanti, li fih ikunu jista' jsir bdil ta' fehmiet u esperjenzi dwar għadd ta' kwistjonijiet marbuta mal-migrazzjoni li għandhom impatt dirett fuq l-iżvilupp u juru potenzjal li joħolqu riżultati ta' vantaġġ reċiproku għall-parteċipanti kollha fil-katina tal-migrazzjoni, u f'pajjiżi ta' l-oriġini partikulari.

Il-Kummissjoni temmen li d-diversi kwistjonijiet indirizzati fir-rapport huma rilevanti biex jittejjeb l-immaniġġar tal-migrazzjoni internazzjonali. Madanakollu, din temmen ukoll li l-forum propost ikollu valur addizzjonali ikbar jekk jikkonċentra xogħlu, bħala prijorità, fuq dawk il-kwistjonijiet fejn hemm potenzjal li jinkiseb progress konkret fl-iżvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġini, fuq il-bażi ta' l-esperjenzi nfushom ta' l-Istati u l-organizzazzjonijiet parteċipanti, ngħidu aħna:

- politiki u azzjonijiet li jinkoraġġixxu l-kontribuzzjoni tal-migranti fl-iżvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġini, inkluż permezz ta' bgħit ta' flus;

- politiki u azzjonijiet li jtejbu l-immaniġġar tal-migrazzjoni ekonomika – inkluża l-migrazzjoni min-Nofsinhar lejn in-Nofsinhar – fl-interess reċiproku tal-pajjiżi ta' l-oriġini u d-destinazzjoni;

- politiki u azzjonijiet li jillimitaw l-esodu ta' nies imħarrġa u jinkoraġġixxu migrazzjoni ċirkulari, temporanja, staġunali u virtwali;

- politiki u azzjonijiet biex jiġi miġġielda l-migrazzjoni u t-traffikazzjoni tal-bnedmin;

- kif ukoll inizjattivi mmirati biex jgħinu sabiex tinbena l-kapaċità f'dawn id-diversi oqsma.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni temmen li importanti li tikkonċentra fuq ir-rinfurzar ta' l-isforzi li ġa qed isiru biex itejbu l-koordinazzjoni bejn id-diversi aġenziji tan-NU u organizzazzjonijiet oħra internazzjonali attivi fil-qasam ta' l-immaniġġar tal-migrazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tilqa' b'idejha miftuħin il-ħolqien fuq l-inizjattiva tas-Segretarju Ġenerali tal-Grupp Globali dwar il-Migrazzjoni. Din tistenna simplifikazzjoni ta' l-

[24] 'Il-Migrazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp', Rapport tas-Segretarju Ġenerali

ambjent istituzzjonali, kif ukoll proċess ta' kkordinazzjoni rinforzata, regolari u trasparenti ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin fil-kwisjonijiet marbuta mal-migrazzjoni u tilqa' b'idejha miftuħin ir-rwol u l-funzjonament ta' dan il-Grupp.

4. KONKLUŻJONI

Il-migrazzjoni internazzjonali saret kwistjoni importanti fuq l-aġenda tal-politika tal-komunità internazzjonali u dan mistenni jibqa' hekk għall-ġejjien prevedibbli. Il-Kummissjoni tittama li permezz tad-djalogu politiku u l-bdil ta' l-aqwa prattiċi fuq il-livell internazzjonali, id-Djalogu ta' Livell Għoli se jibda proċess, lejn kunsens globali fuq kif għandhom jittejbu r-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp. F'din il-perspettiva, din lesta tieħu fuq spallejha rwol attiv fix-xogħol tad-Djalogu ta' Livell Għoli u tikkontribwixxi għad-dibattitu dwar it-tip ta' segwitu li għandu jiddaħħal.